**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' APRIL, 2002

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 616/02AE**

**Ontario Auto Dealer Co. Limited**

**Vs**

**Joseph Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800), rapprezentanti prezz bilancjali ta' vettura tal-marka Peugeot 504 li nbieghet lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda moghtija bil-gurament minn Louis Mamo in rapprezentanza tas-socjeta attrici, li kkonferma l-avviz tat-talba u li l-ammont dovut huwa ta' sebgha mitt lira Maltija (Lm700).

Ra d-dokument li gie  prezentat mis-socjeta attrici (Dok. LM1).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sebgha mitt lira Maltija, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**